MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 288/2011

**A B bhala kuratrici ad litem tal-minuri X C nominata b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2011**

**vs**

**1. D C**
**2. S Q**
**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi fid-19 ta' Mejju 2007 twieled il-minuri 'X' li gie registrat bil-kunjom 'C' bhala iben D C u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u dan stante ili omm il-minuri 'X' hija mart l-intimat D C Dok A;

Illi l-esponenti hi illum legalment separata minn D C Dok B;

Illi fil-fatt il-minuri X C gie koncepit fil-kors tar-relazzjoni li l-esponenta kellha mal-intimat l-iehor S Q;

Illi l-intimat D C mhux il-missier naturali tal-minuri X u dan peress li l-missier naturali hu l-istess S Q liema stat ta' fatt hu accettat mill-partijiet f'din il-kawza u li ser tigi ppruvata waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi ai finijiet u effetti kollha tal-ligi l-minuri X mhux il-wild naturali ta' l-intimat D C izda il-wild naturali ta' l-intimat l-iehor S Q u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA;
2. tordna li l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri X liema att ghandu n-numru progressiv 1658 tas-sena 2007 billi :

a. fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha, tikkancella l-kunjom 'C' u tbiddlu bil-kunjom 'Q' sabiex id-dettalji f'din il-kolonna jigu jaqraw 'X Q';
b. fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier il-minuri 'X' tikkancella l-isem 'D C' u tbiddlu bl-isem 'S Q';
c. fil-kolonna fejn hemm indika tid-dokument ta' l-identita tal-missier X f'lok 0218977 (M) jitnizzel 251671 (M);
d. fil-kolonna fejn hemm indikat l-eta` ta' missier 'X' flok tletin (30) jitnizzel sitta u tletin (36);
e. fil-kolonna fejn hemm indikat post it-twelid ta' missier 'X' flok 'Santa Lucia' jitnizzel 'Birzebbugia';
f. fil-kolonna fejn hemm indikat ir-residenza ta' missier 'X' flok Santa Lucija jitnizzel ??;
g. fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier patern u jekk hux haj jew mejjet flok 'Alfred C' jitnizzel 'Anthony Q' li ghadu haj;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi in vena preliminari jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri X C, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri X C, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

1. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri X C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri X C, kienet wettqet adulterju ma’ l-intimat S Q u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-S Q bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri X C, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-

pussess ta' stat tal-minuri X C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' skrizzjoni 1658 tas-sena 2007;

4. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess S Q sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri X C, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel X C. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit X C;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem D C, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2317 tas-sena 2011;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D C, li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel illi l-minuri X C mhuwiex il-wild naturali tieghu;

2. Illi pero’ l-esponent m’ghandux ibati spejjez minhabba dan l-agir ta’ l-attrici;

Salvi risposti ohra, u bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa inguna in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut D C;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri X C jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala D C izda l-wild naturali ta’ S Q.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Illi l-Qorti tirrileva li l-minuri X C twieled nhar id-19 ta’ Mejju 2007[1] u cioe’ kwazi wara tliet xhur mid-data li permezz taghha l-attrici u l-intimat D C isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt pubbliku datat is-27 ta’ Frar 2007 pubblikat min-Nutar Dr. Joseph Debono[2].

Illi l-attrici, kemm permezz tar-rikors guramentat taghha kif ukoll permezz tal-affidavit taghha[3], tiddikjara li l-minuri X C huwa frott tar-relazzjoni li hija kellha u ghad ghandha mal-intimat S Q u zzid tghid li huwa biss ghal ragunijiet purament legali li l-istess minuri ma giex registrat bhala l-wild naturali tal-imsemmi S Q. Dan gara stante li ma kienux ghaddew tlett mitt gurnata mid-data ta’ separazzjoni bejn l-attrici u l-intimat D C

[1] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit in atti a fol 4 tal-process
[2] Liema kuntratt huwa esebit a fol 5 tal-process
[3] Esebit a fol 40 tal-process

L-intimat D C permezz tar-risposta guramentata tieghu ukoll jikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li jiddikjara b'certezza li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu filwaqt li l-intimat l-iehor S Q jiddikjara permezz tar-risposta guramentata tieghu kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[4] li huwa l-missier naturali tal-istess minuri.

Dan kollu huwa kkorraborat mid-DNA test esebit in atti u li permezz tieghu gie konfermat li l-minuri X huwa verament il-wild naturali ta' S Q.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe' dik li l-attrici trid tkun awtorizzata sabiex tavvanta t-talbiet taghha permezz tar-rikors promotur stante li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri meta giet intavolata l-azzjoni odjerna, il-qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat it-2 ta' Awwissu 2012[5] fejn talbet tali awtorizazzjoni u ghad-digriet taghha tas-7 ta' Awwissu 2012 fejn tali talba giet milqugha u konsegwentement jidher li l-ewwel eccezzjoni giet survolata;

Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern, il-qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova t-talbiet taghha u dan stante li l-adulterju taghha fil-konfront tal-intimat D C huwa evidenti mit-test tad-DNA esebit in atti li juri verament li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat zewgha D C;

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni, il-qorti tirrileva li l-attrici rnexxielha teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 u dan mhux biss permezz tar-risposti guramentati rispettivi tal-intimati izda wkoll permezz tar-rizultati tat-testijiet tad-DNA esebit in atti li jnehhi kull ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-minuri.

4 Esebit a fol 41 tal-process
5 Esebit a fol 43 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri X m'huwiex il-wild naturali tal-intimat D C izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor S Q;
(2) Tilqa' t-tieni talba hekk kif dedotta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------